# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 23**

**Rikors numru 55/14/1 JZM**

**Samchrome FZE soċjetà estera rreġistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE) u b'Digriet tat-3 ta' Lulju 2017 żdied il-kliem "kif debitament rappreżentata mill- Avukat Dr.Kenneth Grima"-**

**v.**

**KDK Limited qabel Samchrome Limited (C-35840) u b'digriet tal-24 ta' April 2014, il-Qorti ordnat li l-Av Dr. Renald Micallef assuma l-patroċinju tal-kumpanija KDK Limited.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-kumpanija attriċi 'Samchrome FZE' u appell inċidentali tal-kumpanija mħarrka 'KDK Limited', minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "s-sentenza appellata") li

biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti: (i) astjeniet milli tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari; (ii) ċaħdet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari; (iii) laqgħet il-ħames eċċezzjoni preliminari; u (iv) filwaqt li ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi, ordnat lil kull parti sabiex tħallas l-ispejjeż tagħha. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal din it-tilwima huma dawn li ġejjin;

2. B'rikors maħluf tat-22 ta' Jannar, 2014, il-kumpanija attriċi 'Samchrome FZE' (minn issa 'l hemm imsejħa bħala '**Samchrome'**) fissret li bi ftehim datat 7 ta' Mejju, 2013,[1] il-kumpanija 'ArcelorMittal Sourcing SCA' assenjatilha jedd ta' kreditu konsistenti fi *'credit note',*[2] li ġiet maħruġa f'isem din tal-aħħar mill-kumpanija mħarrka stess, u dan b'valur ta' tlett miljuni, seba' mija u tnejn u sebgħin elf, seba' mija u wieħed u tletin, u ħamsa u ħamsin ċenteżmu tad-Dollaru Amerikan ($3,772,731.55). Filwaqt li qalet li hija talbet kemm-il darba lill-kumpanija mħarrka sabiex tħallasha dak l-ammont, ilmentat li din baqgħet m'għamlet xejn minn dak mitlub minnha u dan bil-konsegwenza li mit-8 ta' Jannar tas-sena 2010 sat-8 ta' Jannar 2014, kienu diġà akkumulaw b'kollox l-imgħaxijiet fis-somma ta' miljun, mitejn u seba' t'elef, u mitejn u erbgħa u sebgħin Dollaru Amerikan ($1,207,274). Wara li stqarret li fil-fehma tagħha l-kumpanija mħarrka ma kellha l-ebda difiża valida fil-liġi xi tressaq kontra l-azzjoni tagħha, u li l-ammont mitlub minna huwa ċert,

[1] Ara 'Dokument A', minn paġna 6 sa 10 tal-proċess.
[2] Ara 'Dokument B', f'paġna 11 tal-proċess.

likwidu u dovut, Samchrome għaddiet biex talbet lill-Qorti sabiex KDK Limited tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' $4,980,006 ekwivalenti għal €3,644,866, bir-rata tal-kambju USD 1 - €0.7319c, bid-dispensa tas-smigħ, u dan flimkien mal-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 112/2014 u tal-mandat ta' qbid bin-numru 111/2014, kif ukoll bl-imgħaxijiet ulterjuri mit-8 ta' Jannar 2014, sad-data tal-pagament effettiv;

3. Wara li ġiet awtorizzata li tagħmel hekk b'digriet mogħti mill-Ewwel Qorti waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu 2014,[3] KDK Limited (minn issa 'l hemm imsejħa bħala '**KDK'**) laqgħet għall-azzjoni ta' Samchrome billi bi tweġiba maħlufa tas-27 ta' Marzu, 2014,[4] ressqet sensiela ta' eċċezzjonijiet u dan kemm ta' sura preliminari kif ukoll fil-mertu;

4. B'kollox KDK ressqet sitt eċċezzjonijiet preliminari, li lkoll tqajmu bla ħsara għal xulxin, u li fil-qosor jistgħu jinġabru f'dan li ġej:

(i) li r-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża ma jiswiex għaliex fi żmien li ġie mressaq, KDK kienet fi stat ta' stralċ, u b'hekk il-kawża kellha tiġi mressqa kontra l-istralċjatarju ta' dak iż-żmien bħala rappreżentant tal-kumpanija;

---

[3] Ara l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2014, f'paġna 26 tal-proċess.
[4] F'paġna 82 sa 84 tal-proċess.

(ii) li l-mandatarju Dr. Kenneth Grima kellu jressaq prova ċara li kien tassew qed igawdi mir-rappreżentanza ġuridika ta' Samchrome;

(iii) li l-Qorti ma setgħetx tieħu qies tal-każ għaliex ma tgawdix mill-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi il-kawża minħabba li kull ftehim li hemm bejn il-partijiet jgħid li kull kwistjoni li setgħet tqum bejn il-partijiet għandha tiġi regolata bil-liġi Ingliża u maqtugħa permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra;

(iv) li t-talba ta' Samchrome, li hija msejsa fuq il-ftehim intitolat '*Deed of Assignment and Settlement'* tas-7 ta' Mejju, 2013, hija intempestiva peress li din baqgħet qatt ma bagħtitilha xi att ġudizzjarju biex tgħarrafha b'dik iċ-ċessjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili;

(v) li Samchrome ma tgawdix mill-interess ġuridiku sabiex tressaq din il-kawża għaliex kull obbligu ta' ħlas li hija seta' qatt kellha dwar il-kreditu mertu ta' din il-kawża kien ġie assenjat lil Samchrome stess, u dan permezz ta' ftehim imsemmi bħala *'Cession and Assignment Agreement'* tad-9 ta' Mejju, 2009; u fl-aħħar nett,

(vi) li t-talba ta' Samchrome hija f'kull każ tardiva għaliex skont il-ftehim imsemmi bħala *'Business Sale Agreement'* tal-20 ta' Lulju 2009, hija bħala l-bejjiegħ ma kellhiex tibqa' responsabbli għal kull xorta ta' pretensjoni li setgħet titqajjem kontriha minn Samchrome, u dan sakemm din tal-aħħar ma tkunx tatha avviż ta' dik il-pretensjoni fi żmien sentejn mid-data ta' dak il-ftehim;

5. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-eċċezzjonijiet fil-mertu, KDK iddefendiet ruħha billi fost l-oħrajn, ċaħdet li hija kienet qatt ħarġet jew inkella awtorizzat il-ħruġ tal-*'credit note'* li fuqha ġew imsejsa l-pretensjonijiet ta' Samchrome u f'dan is-sens osservat li dik l-istess *'credit note'* mank biss kienet iffirmata minn xi rappreżentant tagħha. Fuq nota aktar ġenerali, KDK imbagħad qajmet id-difiża li hija mhijiex debitriċi ta' Samchrome u filwaqt li warrbet il-pretensjonijiet ta' Samchrome bħala mhux mistħoqqa kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, qalet li f'kull każ, kien jaqa' fuq spallejn Samchrome li tressaq provi siewja u skont il-liġi tal-kreditu minnha pretiż;

6. Wara li l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għal sentenza parzjali fuq l-eċċezzjonijiet preliminari ta' KDK, b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2018, l-Ewwel Qorti qatgħet l-eċċezzjonijiet prelimiari ta' KDK billi filwaqt li astjeniet milli tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni peress li ġiet ċeduta, ċaħdet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet ta' KDK, u wara li dehrilha li

l-ħames eċċezzjoni ta' KDK kienet mistħoqqa, ċaħdet it-talbiet kollha ta' Samchrome, b'dan illi kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha;

7. Il-konsiderazzjonijiet ewlenin li fuq is-saħħa tagħhom, l-Ewwel Qorti, qatgħet ir-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijet preliminari, huma dawn li ġejjin:

> *"__VII. Ir-raba` (4) eccezzjoni preliminari__*
>
> *Kien eccepit illi :*
>
>> *"… t-talbiet attrici kif dedotti, in kwantu bbazati fuq il-ftehim, ossija Deed of Assignment and Settlement tas-7 ta` Mejju 2013, esebit bhala DOK: A mar-rikors guramentat promutorju, huma intempestivi, u ghalhekk insostenibbli fil-konfront tal-kumpannija esponenti, billi l-istess kumpannija esponenti qatt ma giet mgharrfa, permezz ta` att gudizzjarju, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta), bic-cessjoni ta` kreditu meritu tal-istess imsemmi ftehim, qabel ma l-kumpannija attrici ezercitat il-jeddijiet lilha allegatament ceduti permezz tal-istess ftehim, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghddi sabiex tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici."*
>
> *L-Art 1471 tal-Kap 16 ighid illi c-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b`att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent.*
>
> *Imbaghad l-Art 1472 tal-Kap 16 ighid x`jigri jekk ma ssirx in-notifika bl-att gudizzjarju :-*
>
> *Fin-nuqqas ta` dik it-taghrifa, jew sakemm dik it-taghrifa ma ssirx:*
>
>> *(a) Id-debitur ma jistax jeccepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur tieghu, u jekk ihallas id-dejn lil dan il-kreditur, jigi mehlus minn dak id-dejn;*
>>
>> *(b) Jekk il-kreditur, wara li jkun ceda l-kreditu lil wiehed, jaghmel cessjoni ohra ta` dak il-kreditu lil haddiehor, illi jkun f`bona fidi, it-tieni cessjonarju, jekk ikun innotifika c-cessjoni maghmula lilu, hu preferit ghall-ewwel wiehed;*
>>
>> *(c) Jekk il-kredituri tac-cedent jissekwestraw f`idejn id-debitur dak li dan ikollu jaghti, huma preferiti ghac-cessjonarju, allavolja ma jkunx sar kredituri hlief wara c-cessjoni;*

> *(d) Id-debitur jista` jpacci kull somma li ghaliha jsir kreditur tac-cedent; izda, ic-cessjonarju ma jistax ipaci l-kreditu lilu cedut ma` dak li jkollu jaghti lid-debitur.*

*Dwar dawn id-disposizzjonijiet, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza Av. Dr. Stephen Muscat noe vs Worldwide Communications Limited.*

*...omissis...*

*Din il-Qorti tqis illi c-cessjonarja li allegatament akkwistat il-kreditu kienet l-attrici mentri d-debitrici kienet il-konvenuta. Ic-cedenti li bieghet il-kreditu kienet ArcelorMittal Sourcing SCA. Kien jinkombi fuq l-attrici illi tgharraf lid-debitrici b`att gudizzjajru bic-cessjoni li saret a favur taghha minn ArcelorMittal Sourcing SCA.*

*Din il-Qorti tqis li, ghalkemm ma giet ipprezentata l-ebda prova li saret notifika lill-allegat debitur permezz ta` att gudizzjarju qabel saret il-kawza, hija sodisfatta fl-isfond tal-gurisprudenza fuq riferita illi n-notifika ta` r-rikors guramentat odjern isservi bhala denunzja tac-cessjoni. B`hekk id-debitur kien notifikat bic-cessjoni bin-notifika tar-rikors guramentat*

*Mhijiex kondiviza l-fehma tal-konvenuta illi l-attrici ghadha mhijiex fil-pussess tal-kreditu vantat minnha u ghalhekk ma ghandhiex l-interess guridiku rikjest mil-ligi. Bin-notifika tal-kawza lid-debitrici kien hemm il-konferma tal-interess guridiku*

*L-eccezzjoni hija michuda wkoll.*

***VIII. Il-hames (5) eccezzjoni preliminari***
*Kien eccepit illi :*

> *"…. l-kumpannija attrici m`ghandhiex l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex tressaq it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat promutorju taghha, billi, fost ohrajn, kwalsiasi obbligu ta` hlas li seta` qatt allegatament kellha l-kumpannija esponenti dwar il-kreditu pretiz fl-istess talbiet attrici, gja` gie assenjat lill-kumpannija attrici stess permezz ta` ftehim, ossija Cession and Assignment Agreement tad-9 t`Awwissu 2009 - gja` esebit bhala DOK: KDK2 man-nota tal-kumpannja esponenti tal-10 ta` Marzu 2014 - li gie ffirmat bejn il-kontendenti, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici."*
>
> *...omissis...*

*Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li skont is-cession and assignment agreement tad-9 ta` Awissu 2009 (fol 106 sa 111), KDK ittrasferiet in-negozju*

*taghha b`effett mill-1 ta` Lulju 2009 lill-attrici flimkien ma` kwalunkwe dejn li talvolta seta` kien dovut minn KDK.*

*Jinghad testwalment :*

> *"SLTD hereby cedes and assign to SFZCO with effect from 1 July 2009 all its rights, title and interest in and to the Agreement and its duties and obligations in full without recourse arising from the Agreement."*

*Fuq il-kuntratt, KDK kienet indikata bhala SLTD filwaqt li s-socjeta` rikorrenti kienet indikata bhala SFZCO.*

*Irrizulta wkoll li l-credit note kienet tirrigwarda rebate ghal zmien fiskali ta` bejn Lulju 2008 u Gunju 2009, ossija obbligu li KDK kellha ma` ArcelorMittal Sourcing SCA qabel l-1 ta` Lulju 2009.*

*Ghalhekk ai termini ta` s-cession and assignment agreement, dan l-obbligu ta` KDK ghall-hlas kien assenjat lis-socjeta` rikorrenti.*

*Waqt li tirreferi ghall-Art 1002 tal-Kap 16, il-Qorti tirrileva li ma hemmx lok ghal interpretazzjoni fil-kaz illi ftehim ikun car (ara : Appell Inferjuri : 28 ta` Gunju 2011 : Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited ; Appell Inferjuri : 15 ta` Dicembru 1995 : Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar : Kollez Vol XXIX.II.704) ; Appell : 18 ta` Novembru 1957 : Arthur Stuart Mortimer noe vs Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier et noe)*

*Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, il-Qorti tghid id-dicitura tas-cession and assignment agreement huwa car u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni.*

*Il-Qorti tosserva li s-cession and assignment agreement mhux iffirmat mill-partijiet kollha li dehru fuqu. L-attrici taghmel dan il-punt fil-pag 16 tan-nota ta` osservazzjonijiet taghha. Il-ftehim ma kienx iffirmat minn ArcelorMittal Sourcing SCA li skont l-istess ftehim kellha taghti l-kunsens taghha ghall-assenjazzjoni.*

*Il-Qorti mhijiex sejra tidhol ghal analizi ta` jekk il-ftehim huwiex validu nkella le. Sal-lum ma rrizultax li ttiehdu azzjonijiet legali ghall-impunjazzjoni tal-ftehim.*

*Il-kawza tal-lum hija dwar kanonizzazzjoni ta` kreditu u ghalhekk il-Qorti sejra tibqa` fil-parametri tat-talbiet.*

*Mhijiex sejra tittratta l-validita` o meno tal-ftehim ladarba ma hemmx talba dwar dan.*

*Ladarba l-ftehim huwa validu, bl-applikazzjoni tal-istess, jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti assumiet ir-responsabbilita` ghal kwalunkwe obbligi li seta` kellha KDK, inkluz il-mertu ta` l-credit note de qua.*

*Jirrizulta li l-attrici saret debitur u kreditur peress li kwalsiasi debiti li seta` kellha KDK gew assenjati lill-attrici.*

*Il-konsegwenza ta` dan hija li l-attrici m`ghandhiex l-interess guridiku biex tressaq il-kawza, ghaliex bis-sahha tal-ftehim, id-dejn a favur ta` ArcelorMittal Sourcing SCA kien assenjat lill-istess rikorrenti.*

*Ghalhekk qeghda tilqa` l-hames eccezzjoni.*

***IX. Is-sitt (6) eccezzjoni preliminari***

*Kien eccepit illi :-*

> *"… it-talbiet attrici huma tardivi, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michudha, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, billi skond ftehim milhuq bejn il-kontendenti, ossija Business Sale Agreement tal-20 ta` Lulju 2009, il-kumpannija esponenti, bhala l-venditrici fuq l-istess ftehim, ma kellhiex tibqa` responsabbli ghal kwalsiasi pretensjoni eventwali tal-kumpannija attrici, bhala l-kumpratrici fuq l-istess ftehim, wara d-dekors ta` sentejn mill-iffirmar tal-istess ftehim, jekk kemm il-darba l-istess kumpannija esponenti ma tkunx inghatat, mill-kumpannija attrici, avviz bil-miktub dwar tali pretensjoni, liema avviz, f`dan il-kaz, ma inghatax f`dan it-terminu hekk stabbilit mill-kontendenti."*

*Il-klawsola 7 tal-Business Sale Agreement datat 20 ta` Lulju 2009 tghid :-*

*7. Warranties*

> *7.1 The Buyer enters into this agreement on the basis of, and in reliance on, the Warranties.*
>
> *7.2 The Seller warrants and represents to the Buyer that each of the Warranties is true, accurate and not misleading.*
>
> *7.3 Each of the Warranties is separate, and unless expressly provided to the contrary, is not limited by reference to any other Warranty or anything in this agreement.*
>
> *7.4 Without restricting the rights of the Buyer or its ability to claim damages on any basis, in the event that any of the Warranties is breached or is misleading the Seller covenants to pay on demand to the Buyer or, at the Buyer`s discretion, an amount equal to :*
>
> > *(a) the amounts by which the value of the Business and Assets are deduced ;*
> >
> > *(b) the amount equal to all costs and expenses incurred directly or indirectly in good faith by the Buyer.*

*In each case as a result of any of the Warranties being breached or being misleading and without entitling the Buyer from recovering more than once in respect of the same matter.*

*7.5 The Seller shall not be liable in respect of any claim (defined as a claim under the Warranties) unless written notice of such claim is given by the Buyer.*

*Il-kelma claim hija definita fl-istess ftehim bhala talba taht il-warranties mentri warranties hija definita bhala warranties, representations set out in Clause 7 and Schedule 3 of the Business Sale agreement.*

*Imbaghad fi Schedule 3 of the Business Sale Agreement, hemm imnizzla l-warranties relatati ma` information supplied, capacity of the seller, records, the contracts, employees, statutory restrictions, litigation, insolvency of seller u compliance.*

*Il-Qorti tqis li t-talba in kwistjoni ma ghandhiex x`taqsam mal-warranties li ghalihom issir referenza fil-klawsola 7.*

*Il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti ma tirrigwardax materja li taqa` fl-ambitu tal-klawsola 7 tal-business sale agreement.*

*Il-vertenza tikkoncerna credit note partikolari li giet assenjata a favur tas-socjeta` rikorrenti. Din ma kinitx kwistjoni li kienet tifforma parti mill-business sale agreement u hija kwistjoni indipendenti li qamet wara li l-istess socjeta` rikorrenti dahlet fi ftehim ma` ArcelorMittal Sourcing SCA u cioe` Deed of Assignment and Settlement.*

*Dak li hemm fil-klawsola 7.5 tal-business sale agreement mhux applikabbli ghall-kwistjoni mertu ta` din il-kawza.*

*L-eccezzjoni hija michuda."*

8. Billi Samchrome ħassitha aggravata bil-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tagħha u dan wara li laqgħet il-ħames eċċezzjoni preliminari ta' KDK, kif ukoll bil-mod ta' kif dik il-Qorti ordnat li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, nhar l-20 ta' Ġunju 2018, din ressqet rikors tal-appell,[5] li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra qiegħda titlob lil din

[5] F'paġni 722 sa 755 tal-proċess.

il-Qorti sabiex: *"takkolji dan l-appell u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari stante li din kienet irtirata fil-mori tal-kawża u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ċaħdet it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) eċċezzjonijiet preliminari, tħassar, tannulla u tirrevoka l-bqija tas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn laqgħet il-ħames (5) eċċezzjoni preliminari u fejn ċaħdet it-talba attriċi u fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12 ordnat li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, datata 31 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet 'Samchrome FZE soċjetà estera rreġistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE) u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2017 żdied il-kliem "kif debitament rappreżentata mill-Avukat Dottor Kenneth Grima" vs. KDK Limited qabel Samchrome Limited (C 35840) u b'digriet tal-24 ta' April 2014, il-Qorti ordnat li l-Av. Renald Micallef assuma l-patroċinju tal-kumpannija KDK Limited', u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ukoll il-ħames (5) eċċezzjoni preliminari, tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tas-soċjetà intimata, issa appellata"*;

9. Bi tweġiba mressqa fl-10 ta' Lulju, 2018,[6] il-kumpanija KDK, filwaqt li laqgħet għall-appell ta' Samchrome billi warrbet l-aggravji kollha hemm imqajma, fl-istess waqt inqdiet b'dak l-appell biex ressqet ukoll appell

[6] F'paġni 757 sa 778 tal-proċess.

inċidentali li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra qed titlob lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell inċidentali u konsegwentement tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet hawn fuq premessi tal-31 ta' Mejju 2018 billi tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha ġew miċħuda r-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-esponenti kif dedotti, flimkien ma' dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha ġie ordnat, bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha u, minflok, tgħaddi sabiex tilqa' r-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-esponenti kif dedotti, u tikkundanna lill-appellanti tħallas l-ispejjeż kollha tas-sentenza appellata, u tikkonferma l-kumplament tal-istess sentenza appellata fil-bqija, u dan bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza kontra l-istess appellanti"*;

10. Min-naħa tagħha, Samchrome laqgħet għall-appell inċidentali ta' KDK billi għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnha fis-6 ta' Awwissu, 2018,[7] din talbet lill-Qorti sabiex tiċħad l-aggravji ta' KDK filwaqt li tilqa' l-appell ewlieni tagħha, bl-ispejjeż kontra l-istess KDK;

11. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

[7] F'paġni 781 sa 788 tal-proċess.

***Ikkonsidrat***

12. Samchrome qiegħda ssejjes l-appell tagħha fuq is-saħħa ta' tliet aggravji li fi ftit kliem huma dwar: (i) dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha ġiet milqugħa l-ħames eċċezzjoni preliminari, (ii) li fil-mertu it-talbiet tagħha kien jixirqilhom li jiġu milqugħa; u (iii) li m'hemm l-ebda raġuni għaliex KDK m'għandhiex tiġi kkundannata li tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża;

13. Bħal Samchrome, KDK qiegħda wkoll tressaq tliet aggravji mis-sentenza appellata, li min-naħa l-oħra huma dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari, kif ukoll dwar il-kap tal-ispejjeż;

14. Peress li l-aggravji ta' KDK dwar iċ-ċaħda tar-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari jistgħu jkollhom effett dirett fuq l-eżitu ta' din l-azzjoni, fis-sens li jekk jintlaqa' xi wieħed minnhom allura l-azzjoni ta' Samchrome ma tkunx tista' tkompli, l-Qorti tqis li jkun l-aktar għaqli billi tibda biex qabel xejn tistħarreġ l-ewwel żewġ aggravji tal-appell inċidentali;

15. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell inċidentali</u>** KDK qiegħda tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata sa fejn ġiet miċħuda r-raba' eċċezzjoni preliminari tagħha, li fiha qanqlet id-difiża li t-talbiet ta' Samchrome mhumiex f'waqthom għaliex l-istess Samchrome baqgħet qatt ma għamlet dak li jitlob l-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili, u sewwasew li ġġib għall-għarfien tagħha, b'att ġudizzjarju, il-ftehim bl-isem *'Deed of Assignment and Settlement'* tas-7 ta' Mejju, 2013,[8] li bis-saħħa tiegħu hija akkwistat l-allegat jedd ta' kreditu mingħand il-kumpanija 'ArcelorMittal Sourcing SCA', u li dwaru hija din l-azzjoni. Filwaqt li tistqarr li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta osservat li m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi li Samchrome wettqet it-tali notifika qabel ma bdiet din il-kawża, tilmenta li dik il-Qorti żbaljat meta kkonkludiet li n-notifika tar-rikors maħluf li bih tressqet din il-kawża kienet biżżejjed biex iservi bħala denunzja taċ-ċessjoni għall-għanijiet tal-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili. Tinsisti li n-notifika taċ-ċessjoni tal-kreditu b'att ġudizzjarju kienet meħtieġa qabel ma kellha tiġi mibdija din il-kawża, u tfisser li skont il-ġurisprudenza, n-nuqqas ta' notifika b'att ġudizzjarju jwassal għall-konsegwenza li Samchrome għadha mhijiex fil-pussess tal-kreditu minnha pretiż u b'hekk ma tgawdix mill-interess ġuridiku meħtieġ bil-liġi biex tressaq din il-kawża. Fid-dawl ta' dan, tagħlaq billi tgħid li f'dan il-waqt, u qabel ma jsir dak li jitlob l-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili, Samchrome m'għandhiex il-jedd li tmexxi kontriha sabiex tiġbor

---

[8] Ara 'Dok A', f'paġni 6 sa 11 tal-proċess.

mingħandha l-kreditu ċedut lilha mingħand 'ArcelorMittal Sourcing SCA' u għalhekk tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' wkoll ir-raba' eċċezzjoni tagħha;

16. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa manifestament fieragħ. Dak li jitlob l-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili huwa li ċ-ċessjoni tiġi mgħarrfa lid-debitur *"b'att ġudizzjarju miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent"*. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-vot tal-liġi ġie sodisfatt, u dan għaliex kif testwalment mistqarr minn KDK stess fir-raba' eċċezzjoni tagħha, l-ftehim taċ-ċessjoni tal-kreditu bl-isem *'Deed of Assignment and Settlement'* tas-7 ta' Mejju 2013, ġie *"**esebit bħala Dok: A mar-rikors ġuramentat promutorju** (sic)".*[9] Kif ġie osservat fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et.***, ikkonfermata minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2021 (Rik. Nru. 326/2003/1), *"b'att ġudizzjarju għandu jiftiehem, skont il-liġi, dak li jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti u li jiġi notifikat lid-debitur permezz tal-Qorti".* Żgur li m'għandux ikun hemm xi dubju li rikors maħluf jikkwalifika bħala att ġudizzjarju, u ġaladarba li KDK ġiet notifikata bir-rikors maħluf,[10] u fi kliem KDK stess, il-ftehim taċ-ċessjoni ġie mehmuż flimkien mal-istess rikors maħluf,[11] mela allura, KDK ma kellha qatt tqajjem ir-raba' eċċezzjoni, aħseb u ara li tibqa' tinsisti fuqha f'dan l-

[9] Ara t-tweġiba maħlufa ta' KDK f'paġna 83 tal-proċess.
[10] Ara t-timbru tal-marixxall Julian Caruana, f'paġna 22 *tergo* tal-proċess,
[11] Ara 'Dok A', f'paġni 6 sa 10 tal-proċess.

istadju! Fuq kollox, il-pożizzjoni meħudha mill-Ewwel Qorti ma kinitx xi waħda ġdida, anzi ilha tiġi mħaddna minn din il-Qorti għal snin twal, tant li fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Emmanuele Vella v. Dr. Pietro Paolo Galea et.*** deċiża fit-3 ta' Mejju, 1948, (Kollez. Vol. XXXXIII.i. 252), din il-Qorti kienet osservat li: *"jekk ittra uffiċjali jew protest huma l-atti ordinarji li bihom issir id-denunzja ta' kreditu, ma hemm ebda raġuni ġuridika illi ċ-ċitazzjoni ma għandhiex isservi anki bħala denunzja lid-debitur"*;

17. L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali mhuwiex mistħoqq u għalhekk qiegħed jiġi **miċħud**;

18. It-**tieni aggravju tal-appell inċidentali** huwa mbagħad dwar iċ-ċaħda tas-sitt eċċezzjoni li fiha KDK qajmet id-difiża li t-talbiet ta' Samchrome huma 'tardivi' għaliex fi klawsola 7.5 tal-ftehim bl-isem *'Business Sale Agreement'* tal-20 ta' Lulju 2009,[12] tniżżel li hija ma kellhiex tibqa' responsabbli għal kull xorta ta' pretensjoni li setgħet titqajjem kontriha minn Samchrome, u dan sakemm din tal-aħħar ma tkunx tatha avviż ta' dik il-pretensjoni fi żmien sentejn mid-data ta' dak il-ftehim. Tgħid li mill-provi li hemm fl-atti jirriżulta li l-ewwel darba li Samchrome kitbitilha dwar il-flejjes mitlubin minnha kien permezz ta' ittra tas-6 ta' Ottubru, 2011, u sewwasew aktar minn sentejn wara l-

[12] Ara 'Dokument SB6' f'paġni 308 sa 335 tal-proċess.

*'completion date',* kif imfissra f'dak l-istess ftehim. Tissottometti li Samchrome ma kellha l-ebda skuża għalfejn damet milli tavżaha bil-pretensjoni tagħha, u dan għaliex mill-kontroeżami tad-direttur maniġerjali Stephen Brown, ħareġ li Samchrome kien ilha taf dwar il-kreditu mertu tal-kawża sa mill-31 ta' Awwissu, 2010, u sewwasew fi żmien meta t-terminu ta' sentejn kien għadu m'għaddiex. Wara li tagħmel referenza twila lejn il-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-klawsoli kontrattwali u tinsisti li meta kliem il-kuntratt huwa ċar ma jkunx hemm lok għall-interpretazzjoni, tilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-kwestjoni f'din il-kawża ma taqax fil-parametri tal-klawsola 7 tal-*'Business Sale Agreement'.* F'dan ir-rigward tfisser li klawsola 7.5 tal-*'Business Sale Agreement'* tirreferi għal *"any claim"* u b'hekk ma kien hemm l-ebda limitazzjonijiet bħal dawk imsemmija mill-Ewwel Qorti. Targumenta wkoll li l-*'credit note'* li wasslet għal din it-tilwima hija 'intrinsikament konnessa' mal-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u b'hekk kull kwistjoni marbuta mal-istess *'credit note'* hija xorta waħda regolata bid-dispożizzjonijiet tal-istess kuntratti, inkluż bit-terminu perentorju ta' sentejn li dwaru ftehmu l-partijiet. Sfiq ma' dan, tissottometti wkoll li l-fatt li Samchrome għoġobha tiffirma l-ftehim *'Deed of Assignment and Settlement'* tas-7 ta' Mejju, 2013, mingħajr l-għarfien tagħha, ma wassalx biex l-istess Samchrome ngħatat il-jedd li 'unilateralment tiddevja' mit-terminu li ntrabtet bih, u dan għaliex '*pacta sunt servanda'*;

19. Fil-fehma tal-Qorti anke dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li fi kwestjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti mhijiex l-interpretazzjoni soġġettiva tal-partijiet li tiswa, iżda huwa l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti sens lill-kliem fil-kuntest ta' kif dak l-istess kliem ikun ġie wżat mill-partijiet li jkunu kkuntrattaw. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dennis Francalanza v. HSBC Bank Malta plc****,* deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023). Daqstant ieħor huwa mifhum li biex klawsola kuntrattwali tiġi interpretata kif suppost, wieħed m'għandux jieqaf billi jixħet għajnejh fuq klawsola waħda, iżda għandu minflok jaqra dik il-klawsola flimkien ma' klawsoli oħra f'kuntest sħiħ u organiku. (Ara ***Dr. Matthew Brincat noe. v. European Medical College et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2022);

20. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-frażi ***"any claim",*** li hija mniżżla fi klawsola 7.5 tal-*'Business Sale Agreement'* u li fuqha qed tiġi msawwra s-sitt eċċezzjoni,[13] ma tistax tingħata t-tifsira mġebbda li qed tippretendi KDK. Fl-ewwel taqsima tal-ftehim, il-partijiet niżżlu b'mod ċar ħafna li għall-għanijiet ta' dak il-ftehim, il-kelma ***"claim"*** kellha tiġi mfissra bħala ***"a claim under the Warranties"***,[14] filwaqt li l-kelma ***"warranties",***

[13] Klawsola 7.5 tal-*'Business Sale Agreement'* taqra li: "*The Seller shall not be liable in respect of any claim unless written notice of such claim is given by the Buyer by no later than 2 (two) years from the Completion Date".* (f'paġna. 319 tal-proċess).
[14] Ara 'Dok SB6', f'paġna 311 tal-proċess.

kellha tinftiehem bħala: *"the warranties, representations and undertakings set out in Clause 7 and Schedule 3 (Warranties)"*.[15] Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kemm il-kontenut ta' klawsola 7 tal-*'Business Sale Agreement',*[16] kif ukoll it-tielet skeda tal-istess ftehim,[17] jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha tassew raġun li tqis li l-pretensjoni ta' Samchrome ma tistax titqies li taqa' taħt xi waħda minn dawn il-partijiet tal-ftehim. Din il-Qorti ma tista' għalhekk issib xejn x'tiċċensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet is-sitt eċċezzjoni ta' KDK fuq ir-raġuni li dak li hemm imniżżel fi klawsola 7.5 ta' *'Business Sale Agreement',* mhuwiex applikabbli għax-xorta ta' pretensjonijiet li ġew imressqa minn Samchrome;

21. F'kull każ, għandu wkoll jiġi osservat li KDK saħansitra naqset għal kollox milli tfisser kif u x'fatta l-azzjoni ta' Samchrome tista' titqies li taqa' fil-parametri ta' klawsola 7 jew inkella t-tielet skeda tal-*'Business Sale Agreement'.* Lanqas ma KDK ressqet xi provi li permezz tagħhom wriet li l-kliem li tnizzel fil-*'Business Sale Agreement'* mhuwiex riflessjoni leali ta' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet meta kienu qed jikkuntrattaw bejniethom. Tħares minn kull fejn tħares, it-tieni aggravju tal-appell inċidentali mhuwiex mistħoqq u b'hekk qed jiġi **miċħud**;

[15] Id. f'paġna 313 tal-proċess.
[16] Id. f'paġni 318 sa 319 tal-proċess.
[17] Id. f'paġni 332 sa 333 tal-proċess.

22. Billi l-ebda mill-ewwel żewġ aggravji ta’ KDK mhuma mistħoqqa u t-tielet aggravju ta’ KDK huwa dwar il-kap tal-ispejjeż, jixraq li qabel ma jiġi meqjus dak l-aggravju, l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji li ġew imressqa fl-appell ewlieni ta’ Samchrome;

23. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell ewlieni</u>** Samchrome qed tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti laqgħet il-ħames eċċezzjoni preliminari ta’ KDK, li permezz tagħha qajmet id-difiża li Samchrome ma tgawdix mill-interess ġuridiku meħtieġ mil-liġi sabiex setgħet tressaq din il-kawża kontriha, u dan għaliex kull obbligu ta’ ħlas li KDK seta’ kellha dwar il-kreditu pretiż f’din il-kawża, ġie assenjat lill-istess Samchrome u dan permezz ta’ ftehim bl-isem *‘Cession and Assignment Agreement’* tad-9 ta’ Awwissu 2009.[18] F’dan ir-rigward, tibda billi tilmenta li hemm kontradizzjoni qawwija fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata fis-sens li, filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet li ma kinitx ser tidħol fil-kwistjoni dwar jekk il-ftehim bl-isem *‘Cession and Assignment Agreement’* (minn issa ’l hemm imsejjaħ bħala “**l-ftehim**”) kienx wieħed validu jew le, dik il-Qorti mbagħad għaddiet biex iddeċidiet il-kawża fuq il-premessa li dak il-ftehim kien wieħed validu, u li għalhekk jorbot lill-partijiet. Tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kienet korretta xejn meta qieset li ma kienx fil-kompitu tagħha li tistħarreġ is-siwi ta’ dak il-ftehim għaliex ma kienx hemm xi talba speċifika fuq hekk, u f’dan is-sens, tissottometti li hija ma kinitx f’qagħda

---

[18] Kopja ta’ dan il-ftehim ġiet immarkata bħala ‘Dok B’ u tinsab f’paġni 32 sa 35 tal-proċess.

li tagħmel talba għad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dak id-dokument u dan għaliex it-talba tagħha kienet imsejsa fuq dokumenti oħra u hija ma setgħetx tantiċipa x'dokumenti kienu ser jinġiebu minn KDK bħala parti mid-difiża tagħha għall-kawża. Iżżid li, l-kunsiderazzjoni dwar is-siwi tal-ftehim kienet, f'kull każ, ta' natura fundamentali għal din il-kawża, u f'dan is-sens tisħaq li la KDK sejset il-ħames eċċezzjoni tagħha fuq dan il-ftehim, u hija ġabet provi dwar 'il-qerq evidenti' fil-ħruġ ta' dak id-dokument, allura l-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ bir-reqqa l-ilmenti tagħha dwar in-nuqqas ta' siwi ta' dak il-ftehim u dan qabel ma tikkonferma ġudizzjarjament li t-tali ftehim kien validu u jorbot lill-partijiet. Minbarra li tgħid li l-pożizzjoni meħuda mill-Ewwel Qorti tista' twassal għall-abbuż, tissottometti li l-istħarriġ dwar is-siwi tal-ftehim kien anke fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju, u dan sabiex jiġu evitati kawżi oħrajn. Dejjem b'rabta ma' dan, tgħid li skont il-ġurisprudenza l-eċċezzjoni ta' nullità hija ammissibli u ma kien hemm xejn xi jfixkel lill-Ewwel Qorti milli tqis is-sottomissjonijiet tagħha dwar in-nuqqas ta' siwi ta' dak id-dokument, anke għaliex f'dan il-każ, il-kwistjoni tas-siwi ta' dak id-dokument kienet qed titressaq bħala eċċezzjoni għat-talba għall-ħlas. Tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset għal kollox milli tieħu kont tal-provi diretti u korroboratorji li lkoll jippontaw lejn in-nuqqas ta' siwi ta' dak il-ftehim, u żżid li mis-sentenza appellata jidher ukoll li dik il-Qorti mank biss ħadet qies tas-'sottomissjonijiet estensivi' li għamlet dwar l-istess. Tissottometti li la dik

il-Qorti ippermettiet li jitresqu l-provi li hemm fl-atti, allura hija kellha l-kompitu u d-dmir li tgħarbilhom bir-reqqa u li tagħti ġudizzju dwarhom;

24. Ilment ieħor ta' Samchrome li qiegħed jitressaq fl-ewwel aggravju tal-appell ewlieni huwa mbagħad fis-sens li l-Ewwel Qorti ma kinitx legalment korretta meta qieset li bil-ftehim in kwistjoni, KDK 'assenjatilha' l-obbligu tal-ħlas tal-*'credit note'* li fuq is-saħħa tagħha nbdiet din il-kawża. Filwaqt li tirreferi għall-Artikolu 1469 tal-Kodiċi Ċivili biex tgħid li ċ-ċessjoni jew assenjazzjoni tista' ssir biss meta hemm kreditu, jedd jew azzjoni, targumenta li t-trasferiment tal-obbligazzjonijiet ma jistax isir permezz ta' assenjazzjoni iżda biss permezz ta' novazzjoni. F'dan is-sens tissottometti li l-ftehim in kwistjoni kien intiż li jkollu l-effetti tan-novazzjoni u mhux dawk ta' assenjazzjoni, u tgħid li bħala tali, dak il-ftehim huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1179 sa 1189 tal-Kodiċi Ċivili. Tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset għal kollox milli tagħmel din l-osservazzjoni tant importanti meta ddeċidiet li KDK assenjatilha l-obbligi tagħha, u minħabba f'hekk tgħid li dik il-Qorti naqset milli tqis li r-rekwiżiti legali ta' novazzjoni huma nieqsa. Fuq is-saħħa ta' dan, tgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li l-ftehim bl-isem *'Cession and Assignment Agreement'* tad-9 ta' Awwissu 2009 wassal biex KDK ittrasferiet l-obbligu tal-ħlas tal-*'credit note'* fuqha stess;

25. Dejjem b'rabta mal-ewwel aggravju tal-appell ewlieni, Samchrome tkompli targumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tilqa' l-ħames eċċezzjoni fuq il-premessa li l-ftehim li ssemma f'dik l-eċċezzjoni kien wieħed validu. Sabiex issostni dan, tagħti mbagħad għadd ta' raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha dak il-ftehim kien maħruġ b'qerq minn Danko Koncar, u huwa milqut minn dak li ssejħilhom bħala 'irregolaritajiet lampanti' kemm mil-lat legali kif ukoll minn dak formali. Fost l-oħrajn, targumenta li dak il-ftehim li huwa 'intenzjonat bħala kuntratt ta' novazzjoni', huwa nieqes mill-formalitajiet legali meħtieġa skont il-liġi u b'mod partikolari mill-Artikolu 1183 tal-Kodiċi Ċivili sabiex ikun hemm novazzjoni tad-dejn. Tissottometti li skont dan l-artikolu, ma jistax ikun hemm novazzjoni mingħajr il-kunsens tal-kreditur li f'dan il-każ kienet il-kumpanija 'ArcelorMittal Sourcing SCA'. Tgħid li tant kemm dan il-kunsens min-naħa ta' din il-kumpanija tal-aħħar kien meħtieġ, li din il-kumpanija tal-aħħar kienet inkluża bħala parti fil-ftehim u li saħansitra kien hemm klawsola li taqra li: *"AMS (ArcelorMittal Sourcing) hereby consents to and accept the cession and assignment as contemplated in clause 2 above".* Tiġbed l-attenzjoni li din il-kumpanija tal-aħħar ma ffirmatx il-ftehim in kwistjoni bil-konsegwenza li skont il-liġi ma kien hemm l-ebda novazzjoni. Skont Samchrome, f'ċirkustanzi bħal dawn, l-Ewwel Qorti ma setgħetx għalhekk tikkonkludi li kien hemm assenjazzjoni tad-debitu minn KDK għal fuqha, u dan mingħajr il-kunsens tal-kreditriċi 'ArcelorMittal Sourcing SCA'. Sfiq ma' dan, tgħid ukoll li bin-nuqqas ta'

firma ta' din tal-aħħar, il-ftehim mhuwiex wieħed komplut u peress li hemm firma nieqsa, dak il-ftehim ma jiswiex bħala skrittura privata u m'għandu l-ebda effetti legali;

26. Raġuni oħra li Samchrome qiegħda tagħti kontra l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija mbagħad fis-sens li l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni ġie ffirmat biss minn Danko Koncar li ma kellux l-awtorità li jiffirmah waħdu u li b'hekk ma setax jorbotha. Filwaqt li tissottometti li dan l-aġir jibda jperreċ dak li ssejjaħlu bħala l-'qerq' imwettaq minn Koncar, tgħid li fix-*'Shareholders Agreement'* li kien ġie ffirmat ftit tal-ġimgħat qabel is-*'Cession and Assignment Agreement',* tniżżel li r-rappreżentanza legali ta' Samchrome kienet 'teħtieġ il-firma ta' direttur ieħor'. Tisħaq li Koncar ma kellux il-jedd li jiffirma s-*'Cession and Assignment Agreement'* waħdu u minħabba f'hekk tgħid li dak il-ftehim mhuwiex validitament iffirmat minnha. Tosserva wkoll li fis-*'Sale and Business Agreement'* li ġie wkoll iffirmat minn Koncar ftit tal-ġimgħat qabel ma ffirma s-*'Cession and Assignment Agreement'* f'isem Samchrome u KDK, kien tniżżel li d-djun kollha eżistenti qabel l-1 ta' Lulju 2009 kellhom jintrefgħu minn KDK u mhux minn Samchrome. Tissottometti li bis-*'Cession and Assignment Agreement',* Koncar qaleb kollox ta' taħt fuq biex *"arbitrarjament u klandestinament jgħaddilha dejn ta' kważi erba' miljun ewro!",* u dan mingħajr ebda prova ta' xi ġustifikazzjoni kummerċjali jew legali. Iżżid li l-qerq ta' Koncar ikompli joħroġ fil-beraħ fil-kuntest ta' provi oħrajn, bħal

pereżempju l-fatt li l-*'credit note'* mertu ta' din il-kawża nħarġet minn KDK fit-8 ta' Diċembru 2008, u sewwasew erba' xhur wara li allegatament kienet għaddiet l-obbligu tal-ħlas ta' dak il-kreditu lil Samchrome. Tagħlaq billi tissottometti li mill-fatti u ċirkostanzi msemmija minnha kellu jkun biżżejjed evidenti għall-Ewwel Qorti, li l-ftehim bl-isem *'Cession and Assignment Agreement',* li fuq is-saħħa tiegħu ġiet milqugħa l-ħames eċċezzjoni, mhux biss kien milqut minn nuqqasijiet formali u legali, iżda saħansitra huwa wkoll ivvizjat bil-qerq ta' KDK kif rappreżentata minn Koncar. Tikkonkludi li l-Ewwel Qorti ma setgħetx għalhekk fl-interess tal-ġustizzja tagħlaq għajnejha għal dan kollu, u ma tinvestigax l-provi u s-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' siwi u l-qerq evidenti f'dak il-ftehim;

27. Il-Qorti, wara li għarblet bir-reqqa l-argumenti kollha ta' Samchrome u qisithom kemm fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti kif ukoll fil-kuntest ta' dak li tniżżel fis-sentenza appellata u dak sottomess minn KDK, jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam mal-ħames eċċezzjoni ta' KDK hija korretta, u dan għal għadd ta' raġunijiet li ser ikunu qed jitfissru fil-paragrafi li jmiss;

28. Jixraq li jibda biex jiġi osservat li huwa prinċipju magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-iskritturi li joħolqu l-obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti huma preżunti li jiswew u li jirriflettu b'mod fidil l-volontà kontrattwali tal-

kontraenti. (Ara ***Gourmet Company Limited et. v. Mariano Vella,*** u ***Cutrico Services Limited v. Josef Penza,*** deċiżi minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru, 2001, u fil-4 ta' Mejju, 2022 rispettivament). Il-punt tat-tluq huwa b'hekk li l-ftehim bl-isem *'Cession and Assignment Agreement'*[19] li tressaq minn KDK u li fuqu hija msejsa l-ħames eċċezzjoni, huwa preżunt li huwa siewi, u li jorbot lil dawk il-partijiet li ffirmawh. Ma hemm għalhekk xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti mxiet fuq il-premessa li dak il-ftehim kien wieħed validu;

29. Daqstant ieħor din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fir-raġunament tal-Ewwel Qorti li għażlet li ma tidħolx fil-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' siwi tal-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni, u dan fuq ir-raġuni li Samchrome ma niżżlet l-ebda kawżali jew talba li permezz tagħha attakkat il-validità ta' dak l-istess ftehim. Għalkemm Samchrome qed tipprova tgħatti xtura billi tgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tistenniha li tressaq xi kawżali jew talba biex tattakka l-ftehim imsemmi fil-ħames eċċezzjoni ta' KDK, u dan fuq ir-raġuni li hija 'ma setgħetx tantiċipa x'dokumenti kienu ser jiġu mressqa bħala parti mid-difiża ta' KDK', il-Qorti jidhrilha li Samchrome ma qed tagħmel xejn għajr li tipprova tgħatti x-xemx bl-għarbiel, u dan għaliex mill-provi, u sewwasew mill-kontroeżami tad-direttur maniġerjali tagħha stess jirriżulta li hija kien ilha taf bil-ftehim mertu ta' dan l-aggravju għal

[19] Ara 'Dok B', f'paġni 32 sa 35 tal-proċess.

snin twal.[20] L-għaqal kien jitlob li Samchrome titla' s-sellum skaluna skaluna, u mhux taqbad u tressaq il-pretensjonijiet li ressqet f'din il-kawża, daqslikieku s-*'Cession and Assignment Agreement'* ma kienx jeżisti jew inkella ma kienx jorbotha. Kif tifhimha din il-Qorti, la l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda kawżali, talba jew xi eċċezzjoni formali dwar in-nullità tal-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni, allura dik il-Qorti ma kinitx mogħnija bil-kompitu li twettaq l-istħarriġ pretiż minn Samchrome. Tant hu hekk, li kieku għall-grazzja tal-argument, l-Ewwel Qorti kellha tiċħad il-ħames eċċezzjoni fuq il-premessa li dak il-ftehim kien ivvizjat bil-qerq min-naħa ta' Danko Koncar, il-Qorti kienet tkun qed toħroġ 'il barra mill-parametri tat-talbiet u s-sentenza kienet tkun milquta bil-vizzju tal-*'extra petita'.* Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li *"l-kawżi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bażi tal-kawżali kif imressqa għal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bażi ta' kawżali partikolari, mhux leċitu għall-parti jew għall-qorti li tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawżali."*[21] (Ara ***Emanuel Farrugia v. Anthony Borg pro. et. noe.*** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2021, u ***L-Avukat Dr. Marlon Borg noe. v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku,*** deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2023). F'kuntest bħal dan, il-Qorti jidhrilha li kull argument dwar in-nuqqas ta' siwi tal-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni, fuq l-

[20] Kemm fl-affidavit kif ukoll fil-kontroeżami li sarlu waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2014, Stephen Brown tenna li Samchrome saret taf bil-ftehim 'Cession and Assignment Agreement', f' Ottubru tas-sena 2010.

[21] Estratt meħud mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud,*** deċiża minn din il-Qorti fil-24 ta' Ġunju 2011. (App. Ċiv. 156/2010/1).

allegazzjoni ta' qerq min-naħa tal-firmatarju Danko Koncar, ma jista' għalhekk iwassal lil Samchrome imkien, u minħabba f'hekk huwa kollu ta' xejn li Samchrome qed tilmenta li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-provi jew is-sottomissjonijiet tagħha dwar dan. Samchrome kellha l-għażla jew li tattakka l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni qabel ma' ressqet din il-kawża, jew inkella li tressaq kawża oħra fil-mori ta' din il-kawża (bħalma resqet il-kawżi 842/14 u 505/15) u dan sabiex tattakka l-validità tal-ftehim li fi kliemha ma jiswiex u ma jorbothiex. Minkejja li ma kellha xejn xi jżommha milli tagħmel hekk, Samchrome m'għamlet xejn minn dan, u għalhekk mhuwiex sewwa li issa qed tipprova twaddab in-nuqqasijiet tagħha fuq l-Ewwel Qorti;

30. Bi tkomplija ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li Samchrome lanqas ma tista' tippretendi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħti effett lill-ftehim imsemmi fil-ħames eċċezzjoni fuq ir-raġuni li dak il-ftehim 'mhuwiex validitament iffirmat minnha' għaliex ma ġiex iffirmat ukoll mill-*'B-directors'* ta' Samchrome, u sewwasew minn Stephen Brown. M'hemmx kontestazzjoni li fil-5 ta' Awwissu tas-sena 2009, u sewwasew fil-jum li fih ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni, Dako Koncar kien jokkupa l-kariga ta' direttur maniġerjali ta' Samchrome,[22] u b'hekk, fil-vesti tiegħu bħala direttur huwa seta' jirrappreżenta lil dik il-kumpanija. Jekk Koncar kienx awtorizzat li jiffirma dak il-ftehim hija mbagħad kwistjoni oħra, li ma

[22] Ara l-kontroeżami ta' Stephen Brown, f'paġni 508 u 510 tal-proċess. Ara wkoll paragrafi 3.1(iv) u 5.4 ta' Dok SB5, f'paġni 290 u 291 tal-proċess.

tnaqqas xejn mir-rabta ta' dak il-ftehim fuq il-kumpanija Samchrome.[23] Kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza il-kumpanija hija marbuta bl-azzjonijiet ta' direttur, li għandu r-rappreżentanza tagħha fil-konfront ta' terzi, u dan irrispettivament minn jekk huwa jkunx ġie awtorizzat minnha biex iwettaq xi azzjoni partikolari. (Ara ***Adrian Camenzuli v. Mitul Dave et.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-23 ta' Settembru, 2022 u l-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija). Jekk Koncar tassew wettaq l-abbuż imsemmi minn Samchrome, allura Samchrome tista' tirrikorri għal rimedji legali oħra, però ma tistax tqajjem in-nullità assoluta ta' dak il-ftehim kontra KDK, minħabba dak li hemm imniżżel fis-*'Shareholders Agreement'*, tal-20 ta' Lulju, 2009,[24] u li fih KDK mhijiex parti. Jekk xejn, il-kwistjoni mqajma minn Samchrome tista' potenzjalment twassal biss għall-annullabilità tal-ftehim u mhux għan-nullità assoluta ta' dak il-ftehim,[25] u b'hekk din hija raġuni oħra għalfejn kwistjoni bħal din *"ma tistax tinġieb 'il quddiem ħlief b'azzjoni ad hoc"*. (Ara ***Alfred Scicluna noe v. Citadel Insurance p.l.c.*** deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju, 2008. Ara wkoll ***Victor Denaro et v. Msida Red Stars Amateur Football Club et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fil-20 ta' Jannar, 2022);

[23] Ara l-Artikolu 137(4) u (5) tal-Kap. 386.
[24] Ara Dok SB5, f'paġni 285 sa 306 tal-proċess.
[25] Ara l-Artikoli 40 u 41 tal-*'Companies Act 2006'* tal-Ingilterra, li r-relevanza tagħhom tirriżulta mill-fatt li l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni huwa soġġett għall-liġi Ingliża. Dan il-fatt tal-aħħar jirriżulta minn klawsola 6 tas-*Cession and Assignment Agreement,* mertu tal-ħames eċċezzjoni f'paġna 34 tal-proċess, u klawsola 5 tal-ftehim bl-isem *'Deed of Novation, Amendment and Extension of Ferrochrome Supply Agreement'* tal-1 ta' Lulju 2005, f'paġna 282 tal-proċess.

31. Ma jistax ukoll ma jiġix osservat li għalkemm Samchrome qed tibqa' tinsisti bil-ħrara li l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni mhuwiex validament iffirmat minnha għaliex ġie ffirmat biss minn Koncar, matul il-kawża, Stephen Brown, li huwa d-direttur maniġerjali tagħha, xejjen dan l-istess argument billi stqarr li huwa jqis il-ftehim imsemmi bħala *"Cession and Assignment Agreement'* tal-5 ta' Awwissu 2009 bejn il-partijiet u l-kumpanija 'BHP Billiton Marketing AG'[26] bħala wieħed validu.[27] Ta' min jgħid li, dan il-ftehim tal-aħħar, għajr għal differenzi żgħar huwa kważi kelma b'kelma għal dak li jissemma fil-ħames eċċezzjoni ta' KDK. Aktar importanti minn hekk, dan il-ftehim tal-aħħar huwa wkoll iffirmat bħal dak il-ftehim li ġie ffirmat fil-ħames eċċezzjoni, u dan fis-sens li Danko Koncar, deher kemm għal KDK (li dak iż-żmien kienet iġġib l-isem ta' Samchrome Limited) u għal appellanti (Samchrome FZCO).[28] Kif tifhimha din il-Qorti, jekk il-firma ta' Konkar kienet tajba biżżejjed biex torbot lill-appellanti bil-ftehim ma' 'BHP Billition Marketing AG', daqstant ieħor il-firma tal-istess Konkar kienet biżżejjed biex torbot lill-appellanti, fil-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni;

32. F'kull każ, għandu wkoll jingħad li għalkemm Samchrome qiegħda tagħmilha fatta daqs li kieku ġie ppruvat li Koncar iffirma l-ftehim mertu

---

[26] Ara l-kopja ta' dan il-ftehim f'paġni 265 sa 268 tal-proċess. L-istess dokument huwa wkoll esebit fl-atti bħala 'Dok KM1' f'paġni 523 sa 526 tal-proċess.
[27] Fil-kontroeżami tal-15 ta' Diċembru, 2014, li huwa traskritt f'paġna 511 tal-proċess, Stephen Brown stqarr li: *"I consider the assignment agreement with Mr.Koncar <u>signed on behalf of both companies</u> with BHP as being valid:".* Brown irrikonoxxa wkoll li: *"I do agree that both transfer agreements, assignment agreements, are similar as regards to their wording.".*
[28] Ara 'Dok B' f'paġna 35 tal-proċess u 'Dok KM1, f'paġna 526 tal-proċess.

tal-ħames eċċezzjoni klandestinament, Samchrome qiegħda konvenjentement tiskarta x-xhieda ta' Kurt Maske, li fis-sena 2009 kien jaħdem mal-kumpanija *'BHP Billiton Marketing AG'* u li għal xi żmien kienet l-aġent tal-istess Samchrome. Permezz ta' affidavit,[29] Maske mhux biss irrakkonta li l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni kien wieħed minn għadd ta' skritturi li ġew abbozzati mill-avukati ta' BHP f'Singapore, iżda wkoll ikkonferma kif dak il-ftehim, flimkien ma' l-iskritturi l-oħrajn, ġew ċirkolati għall-approvazzjoni tal-partijiet konċernati u dan qabel ma ġew iffirmati minn Koncar f'isem Samchrome.[30] Aktar importanti, Maske irrakkonta li fl-10 ta' Awwissu, 2009, huwa kellu laqgħa ma' Stephen Brown fl-uffiċini ta' BHP fejn hemmhekk huwa kien għaddielu kopja ta' dak il-ftehim iffirmat minn Koncar flimkien mal-bqija tal-iskritturi l-oħra li ġew kollha iffirmati mill-istess Koncar f'isem l-appellanti.[31] B'mod partikolari, Maske kkorrobora wkoll il-verżjoni ta' Koncar kif *"Mr. Brown, on behalf of Samchrome, had accepted these agreements, and verbally consented to the same",*[32] u li meta huwa għaddielu l-kopji, s-Sur Brown ma qajjem l-ebda oġġezzjoni għal mod ta' kif l-iskritturi ġew iffirmati mill-istess Konkar waħdu f'isem Samchrome.[33] Huwa wkoll relevanti li waqt li ġie kontro-eżaminat dwar dan, Maske baqa' sod u konsistenti fil-verżjoni tiegħu, u minbarra li fisser kif kien huwa stess li qabbad lill-avukati ta' BHP biex jabbozzaw dawk l-iskritturi, dan ix-xhud għal darb'oħra tenna li

[29] Ara 'Dok KM', f'paġna 521 sa 530 tal-proċess.
[30] Id. f'paġna 521 tal-proċess.
[31] Id.
[32] Id.
[33] Id. f'paġna 522 tal-proċess.

huwa kien wera l-iskritturi lis-Sur Brown u li dan tal-aħħar qatt ma semmielu li kien hemm xi ħaġa ħażina fil-fatt li t-tali skritturi ġew iffirmati minn Koncar f'żewġ vesti differenti, u sewwasew kemm bħala direttur ta' KDK (dak iż-żmien Samchrome Ltd) kif ukoll bħala direttur tal-appellanti (dak iż-żmien Samchrome FZCO);[34]

33. Fuq xejra oħra, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-argumenti ta' Samchrome li l-Ewwel Qorti kellha tqis li l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni ma seta' jġib l-ebda effetti legali u dan għar-raġuni li dak il-ftehim ma ġiex iffirmat mill-partijiet kollha u sewwasew mill-kumpanija 'ArcelorMittal Sourcing SCA'. Għalkemm Samchrome għandha raġun meta qed tgħid li l-ftehim in kwistjoni mhuwiex iffirmat minn din il-kumpanija tal-aħħar, madanakollu jibqa' xorta waħda l-fatt li dak il-ftehim ġie ffirmat miż-żewġ partijiet f'din il-kawża, li min-naħa tagħhom qablu li:

> *"2.1. SLTD [KDK] hereby cedes and assigns to SFZCO [Samchrome] with effect from 1 July 2009 all its rights, title and interest in and to the Agreement* ***and its duties and obligations, in full*** *and without recourse arising from the Agreement.";* u li
> *"2.2. SFZCO [Samchrome] hereby* ***accepts the cession and assignment as contemplated in clause 2.1 above with effect from 1 July 2009, and hereby undertakes to comply with all its obligations and duties as set out in the Agreement****."*[35] (enfasi miżjuda)

34. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li l-kliem li tniżżel f'dawn iż-żewġ paragrafi huwa ċar biżżejjed b'tali mod li ma jħallix xi lok għall-

---

[34] Ara l-kontroeżami ta' Kurt Maske li sar waqt is-seduta tal-24 ta' April, 2005, f'paġna 544 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' Danko Koncar, u b'mod partikolari dak li qal f'paġna 536 tal-proċess

[35] Estratt meħud minn 'Dok B', f'paġna 32 tal-proċess.

interpretazzjoni.[36] Kif tixhed is-silta hawn fuq stampata, bil-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni, Samchrome ma kienet qed tagħmel xejn għajr li **tassumi fuqha** l-obbligazzjonijiet fosthom id-dejn, li KDK seta' kellha b'rabta mat-tħaddim tal-ftehim imsemmi *'Deed of Novation, Amendment and Extension of Ferrochrome Supply Agreement'* tal-1 ta' Lulju 2005.[37] Kif intqal fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Tas-Sold Construction Limited et v. Adrian Grech et.***, deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2023, *"m'hemm xejn xi jżomm lil terza persuna milli tassumi fuqha id-dejn ta' ħaddieħor",* u għalhekk Samchrome qed tgħid ħażin li dak il-ftehim ma setax iġib l-ebda effetti ġuridiċi fuqha. F'dan is-sens, huwa wkoll magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li *"l-kunċett ta' assunzjoni ta' dejn mhux meħtieġ li jirriżulta minn kitba"* u saħansitra jista' jiġi ppruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-liġi basta li dik il-prova tkun *"ċara, ċerta u konkludenti".* (Ara ***Saviour Farrugia noe v. Joyce Farrugia,*** deċiża minn din il-Qorti fild-29 ta' Frar, 2008);

35. Bħala stat ta' fatt, Samchrome hija firmatarja tal-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni, u ġaladarba li f'dak il-ftehim Samchrome stqarret b'mod daqstant ċar li kienet qed tassumi l-obbligi ta' KDK, mela allura, Samchrome ma tistax issa tgħid li dak il-ftehim ma jiswiex jew inkella ma jorbothiex għaliex ma fihx il-firma ta' 'ArcelorMittal Sourcing SCA'. Fil-fehma tal-Qorti, l-firma ta' din tal-aħħar setgħet tkun ta' benefiċċju biss

---

[36] Ara l-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili.
[37] Ara 'Dok SB4', f'paġni 276 sa 283 tal-proċess.

għall-KDK u mhux għal Samchrome. Fis-sewwa, l-unika konsegwenza li rriżultat min-nuqqas ta' firma ta' 'ArcelorMittal Sourcing SCA', kienet li din tal-aħħar, setgħet iddur biex tiġbor il-kreditu tagħha, kemm kontra KDK kif ukoll kontra Samchrome. Dan il-fatt tal-aħħar però ma jbiddel xejn mill-fatt li Samchrome ntrabtet li tassumi d-dejn ta' KDK, u dan għaliex l-assunzjoni tad-dejn, tista' sseħħ ukoll mingħajr ma' l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles lid-debitur oriġinali. Kemm hu hekk, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Bartolo v. Vigo,*** deċiża fis-7 ta' Ġunju 1929,[38] din il-Qorti kienet għamlitha ċara li: *"l-assuzione del debito...è anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazzione del debitore"*. (Ara wkoll ***Satariano Limited v. Scala Developments Limited,*** ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-26 ta' Marzu, 2010, u ***Tas-Sold Construction Limited et v. Adrian Grech et,*** deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2023). Ma jistax għalhekk jingħad li l-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni ma seta' jġib l-ebda effetti legali fuq Samchrome jew inkella li b'xi mod jew ieħor huwa nieqes mill-formalitajiet legali meħtieġa skont il-liġi;

36. F'kuntest bħal dan, din il-Qorti lanqas ma ssib xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti qieset li bil-ftehim in kwistjoni *"l-kumpannija rikorrenti assumiet ir-responsabbiltà għal kwalunkwe obbligi li seta' kellha KDK, inkluż il-mertu ta' l-credit note de qua".* Huwa mifhum li l-persuna li

[38] Kollez. Vol. XXVII, i, paġ 817.

tassumi d-dejn tkun qiegħda tagħmel bħala tagħha l-obbligazzjoni ta' ħaddieħor u li *"huwa elementari illi meta persuna tassumi li tħallas id-dejn dovut mit-terz din tkun qed tagħmel dan bi flejjes proprji tagħha u mhux, allura, bi flejjes tad-debitur innfisu".* (Ara ***Saviour Farrugia noe v. Joyce Farrugia,*** deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2008, u ***P J Sutters Company Limited v. Michael Debono,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-28 ta' April, 2004). B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum isegwi li ġaladarba li bil-ftehim mertu tal-ħames eċċezzjoni, Samchrome għamlet bħala tagħha l-obbligazzjonijiet ta' KDK li rriżultaw mill- ftehim imsemmi *'Deed of Novation, Amendment and Extension of Ferrochrome Supply Agreement'* tal-1 ta' Lulju 2005, u l-*'credit note'* li tagħha Samchrome qed tipprova tiġbor il-valur mingħand KDK, hija dwar rifużjoni (*'rebate'*) fuq ix-xiri ta' materjal ta' *'ferrochrome'* li oriġina minn dan il-ftehim tal-aħħar, mela allura l-Ewwel Qorti kellha kull raġun li ssib li Samchrome ma tgawdix mill-jedd li titlob il-ħlas ta' kreditu li hija stess assumiet;

37. Marbut sfiq ma' dak kollu li għadu kif intqal, hija wkoll il-fehma ta' din il-Qorti li huwa kollu ta' xejn li Samchrome qed tibqa' tirreferi għall-ftehim *'Business Sale Agreement'* tal-20 ta' Lulju, 2009,[39] u dan billi targumenta li skont dak il-ftehim, id-debiti kellhom jibqgħu f'idejn KDK (dak iż-żmien Samchrome Limited). B'mod kronoloġiku, il-ftehim mertu

[39] Ara 'Dok SB6', f'paġna 308 sa 335 tal-proċess.

tal-ħames eċċezzjoni ġie wara l-ftehim tal-20 ta' Lulju, 2009, u b'hekk dan tal-aħħar kellu l-effett li jvarja dak li tniżżel fil-*'Business Sale Agreement',* li skont klawsola 17.1 seta' jiġi emendat basta bil-kitba u bil-firma ta' jew f'isem kull parti f'dak il-kuntratt.[40] Huwa propju dak li ġara bil-ftehim bl-isem *'Cession and Assignment Agreement'* tal-5 ta' Awwissu, 2009, mertu tal-ħames eċċezzjoni, u għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appell ewlieni ma jirriżultax li huwa mistħoqq u b'hekk qiegħed jiġi **miċħud**;

38. Fit-**tieni aggravju tal-appell ewlieni** Samchrome qiegħda mbagħad targumenta li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tagħha fil-mertu. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi għal żewġ raġunijiet. L-ewwel waħda u l-aktar waħda ovvja hija li ġaladarba din il-Qorti għadha kif issib li l-Ewwel Qorti kellha raġun li tilqa' l-ħames eċċezzjoni ta' KDK, mela allura t-talbiet ta' Samchrome ma setgħu qatt jirnexxu. Fit-tieni lok, u kif qed tgħid sewwa KDK, anke li kieku għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tilqa' l-ewwel aggravju ta' Samchrome u tiddeċiedi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-ħames eċċezzjoni ta' KDK, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni xorta waħda ma setgħetx tgħaddi biex tilqa' t-talbiet ta' Samchrome fil-mertu u dan għaliex kemm minn kif jidher mill-verbali li fihom ġiet stradata l-kawża,[41] kif ukoll mis-sentenza appellata stess,[42] l-Ewwel Qorti għamlitha ċara mill-bidu li

[40] Klawsola 17.1 tal-*'Business Sale Agreement'* f'paġna 323 tal-proċess taqra li: *"A variation of this agreement shall be in writing and signed by or on behalf of each party".*
[41] Ara b'eżempju l-verbali tal-24 ta' April 2014, u tal-13 ta' Novembru, 2016, f'paġni 89 u 621 tal-proċess.
[42] Ara s-sentenza appellata f'paġna 674 tal-proċess.

dik is-sentenza kienet ser tkun limitata fuq l-ewwel sitt eċċezzjonijiet biss, mingħajr ma kienet ser tidħol fil-mertu. Għandu jiġi wkoll osservat li sal-istadju li fih ingħatat is-sentenza appellata, KDK kienet għadha ma bdietx tressaq il-provi tagħha fil-mertu, u lanqas biss ma ressqet l-ebda sottomissjoni fuq l-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu, u għaldaqstant Samchrome ma kien messha qatt li ressqet dan l-aggravju;

39. Jifdal issa t-**tielet aggravju tal-appell ewlieni** kif ukoll it-**tielet aggravju tal-appell inċidentali**, li huma dwar il-kap tal-ispejjeż u sewwasew id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tikkundanna lill-partijiet sabiex ibatu l-ispejjeż relattivi tagħhom u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Min-naħa l-waħda, Samchrome qiegħda tgħid li ġaladarba huwa ċar li t-talba tagħha kellha tiġi milqugħa, mela allura hija ma kellha tbati l-ebda spejjeż tal-kawża. Fuq ix-xaqliba l-oħra, KDK qed tgħid li la l-Ewwel Qorti għaddiet biex ċaħdet it-talbiet ta' Samchrome għal kollox, ma kien hemm għalhekk l-ebda raġuni għalfejn dik il-Qorti ma tordnax lil Samchrome sabiex tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża;

40. Bla ma hemm għalfejn jingħad ħafna, l-Qorti jidhrilha li l-ebda minn dawn l-aggravji ma huma mistħoqqa;

41. L-ewwel nett, la din il-Qorti kkonkludiet li l-Ewwel Qorti kellha raġun li ssib li l-ħames eċċezzjoni ta' KDK hija siewja, l-azzjoni ta' Samchrome ma tistax tirnexxi, u b'hekk Samchrome ma tistax tippretendi li KDK għandha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża;

42. Min-naħa l-oħra, KDK lanqas m'għandha raġun meta qed targumenta li għaliex ġew miċħuda t-talbiet ta' Samchrome, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannaha sabiex tbati l-ispejjeż tagħha skont l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12. Intqal kemm-il darba minn din il-Qorti li d-deċiżjoni dwar il-qsim tal-ispejjeż skont l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12 hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u li tiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. (Ara b'eżempju ***Carmel Apap Bologna Sceberras d'Amico Inguanez v. Avukat Ġenerali et.*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2021). Kif qed tgħid sewwa Samchrome, f'dan il-każ, il-parti l-kbira tal-eċċezzjonijiet preliminari ta' KDK ġew miċħuda, u għalhekk KDK ma tistax tgħid li ma sfatx telliefa f'xi punti tal-kawża. F'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti ma tarax li hemm xi lok għalfejn għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u b'hekk kemm it-tielet aggravju tal-appell ewlieni kif ukoll it-tielet aggravju tal-appell inċidentali qegħdin jiġu **miċħuda**;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** l-appell ewlieni ta' Samchrome FZE, kif ukoll **tiċħad** l-appell inċidentali ta'

KDK Limited u b'hekk qed **tikkonferma għal kollox** is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu minn Samchrome FZE, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta mal-appell inċidentali ta' KDK Limited għandhom jitħallsu mill-istess KDK Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da